

# L-Istatwa Titulari ta' Sant'Andrija matul iż-Żminijiet

**Kitba ta' Mario Fenech**

L-istatwa titulari ta' Sant'Andrija skolpita fl-injam li għandna fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa saret mill-iskultur Giuseppe Scolaro li kien mill-Isla. Dan sirna nafuh dan l-aħħar minn riċerka li saret bir-reqqa mill-istudjuż Dr John Debono.

Kien ħallas għaliha s-Surġent Andrea Camenzuli. Dan Camenzuli kien ordna din l-istatwa tal-injam nhar il-5 ta' Frar 1778 għand Mastru Cosimo Scolaro mill-Isla. Kien ħejja d-disinn tagħha ċertu Giuseppi Bonnici minn Ħal Luqa. Ma' din l-istatwa ġew ordnati wkoll il-pedestall u l-bradella. Dan ix-xogħol kollu kien ser jiġi jiswa' s-somma ta' mija u għoxrin skud u kellu jkun lest fi żmien sena.

Għal xi raġuni mhux magħrufa, dan ix-xogħol kien għadda f'idejn ħu Cosimo, Giuseppi Scolaro nhar il-25 t'Awissu 1778. Dan kellu jsir bl-istess prezz ta' 120 skud.

Din l-istatwa tlestiet fil-5 t'April tas-sena 1779 u bdiet tintuża għall-purċissjoni ta' nhar il-festa fost il-ferħ tal-poplu Ħalluqi.

Fis-sena 1913, l-istatwa sarilha xogħol ta' restawr u sar ukoll pedestall ġdid fuq disinn tal-magħruf Abraham Gatt minn Bormla. Sar ukoll ix-xogħol tal-induratura minn Francesco Coleiro tal-Belt Valletta.

L-istess Abraham Gatt għamel ukoll id-disinn tal-bradella li nħadmet mill-mastrudaxxa Luqa Grixti li kien minn Ħal Luqa. F'din il-bradella, fost ix-xogħol sabiħ ta' dekorazzjoni hemm *basso reliev* tat-tnax-il Appostlu. Mal-kantunieri tal-pedestall insibu armati wkoll erba' gastri tal-fidda bil-fjuretti tal-ganutell.

**Tagħrif mill-Bord Editorjali**

Fis-sena 2012, bdew it-tħejjijiet biex jerġa' jsir restawr estensiv fuq l-istatwa titulari tal-qaddis patrun ta' Ħal Luqa. Ta' min jgħid li fi żmien il-Kappillan Dun Karm Camilleri kien diġa' ġiet diskussa proposta għal dan ir-restawr u kien hemm qbil li dan ix-xogħol iseħħ.

Il-proċess għal dan ir-restawr tkompla mal-wasla tal-Kappillan Dun Gordon Refalo. Wara li sar rikors fil-kurja arċiveskovili, it-talba għal dan ir-restawr ġiet approvata. Ix-xogħol kellu jsir minn Publio Magro tal-Furjana.

Ta' min isemmi li fis-sena 1980, Publio Magro kien diġà għamel xi xogħol ta' tindif u restawr ħafif fuq l-istess statwa, filwaqt illi

kien indura wkoll il-pedestall tal-istatwa. U kien għalhekk li x-xogħol reġa' ġie afdat f'idejn Publio Magro. Però d-differenza kienet li din id-darba ix-xogħol ta' restawr kien iktar estensiv minn sempliċi tindifa u ftit irtokki.

Fl-4 t'April 2012, ġiet żarmata l-istatwa ta' Sant'Andrija minn fuq il-pedestall tagħha, u ttieħdet fil-Kappella tad-Duluri li hemm fis-sagristija'l-qadima, biex hemmhekk seta' jsir ir-restawr meħtieġ fuqha. Mhux ser noqogħdu nidħlu fid-dettal tax-xogħol kbir ta' restawr li sar fuq l-istatwa. (Dawn id-dettalji jinstabu fuq l-Edizzjoni Speċjali tal-Festa tal-pubblikazzjoni *Leħen il-Parroċċa LUQA* ta' Lulju 2013 pp 20).

Sar ukoll xogħol ta' restawr fuq il-pedestall tal-istatwa mill-istess Publio Magro.

F'Novembru tas-sena 2012, saret wirja fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' Sant'Andrija, fejn kienu esibiti ritratti kif ukoll filmati dettaljati tar-restawr li sar.

Fil-festa ta' Sant'Andrija tas-sena 2013, allura egħluq il-mitt sena mill-ewwel restawr tal-vara, il-Banda Sant'Andrija kellha l-unur li tkun hi li ddoqq fanfarra fil-ħruġ tal-vara min-niċċa tagħha fil-Knisja u għal fuq iz-zuntier tal-Knisja, fejn il-poplu ta' Ħal Luqa seta' jammira r-restawr estensiv li sar fuq din l-istatwa, il-bradella u l-pedestall tagħha.




Santa antika



L-istatwa titulari ta' Sant'Andrija lejn l-aħħar tas-seklu dsatax li nħadmet minn Giuseppe Scolaro u tħallset minn Andrea Camenzuli fl-1779.



L-istatwa titulari taħt l-arkun tan-nofs fil-knisja parrokkjali, armata għall-festa wara li ġiet restawrata fl-1913.



Dehra oħra tal-istatwa titulari armata fil-knisja. Wieħed jinnota wkoll il-perspettiva tal-kor tal-knisja u l-artal maġġur kif kien qabel ma ġġarfet fit-Tieni Gwerra Dinjija.


ANDREAS & NICOLAUS FRATRES TAMMUT
DONAVERUNT




L-istatwa titulari quddiem is-sede tas-Soċjetà fis-snin 70.



L-istatwa titulari ta' Sant'Anrija fin-niċċa tagħha fil-Knisja Parrokkjali.



Fil-festa ta Sant'Andrija 2013 proprju f'għeluq il-100 sena mir-restawr tal-istatwa ġie inawgurat restawr estensiv fuq l-istatwa. Dakinhar, il-Banda Sant'Andrija kellha l-unur li tkun hi li ddoqq fil-ħruġ tal-vara min-niċċa tagħha fil-Knisja u għal fuq iz-zuntier tal-Knisja.